MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 17/2007

Grace Sacco

Vs

Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex, It-Tabib Principali tal-Gvern, Id-Direttur Dipartiment ghas-Servizzi Korporattivi fid-Divizjoni tas-Sahha.

Il-Qorti,

**Sentenza Parzjali – Artikolu 460 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li t-tkeccija taghha mill-impjieg taghha bhala *enrolled nurse* hi illegali, *ultra vires*, zbaljata, abbuziva u fuq kollox bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Dan wara li l-attrici ppremettiet li:-

- Fil-25 ta’ Frar 1980 l-attrici giet impjegata bhala *enrolled nurse*, u fis-sena 2005 il-konvenut Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex talab lill-attrici sabiex tattendi quddiem bord mediku sabiex jigi certifikat jekk kienitx tajba ghax-xoghol.
- Fid-9 ta’ Awwissu 2006 giet ordnata sabiex tattendi ghal ezami mediku, quddiem bord li gie mwaqqaf mis-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani, fi hdan id-Divizjoni tas-Sahha. Wara dan l-ezami mediku ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni fil-konfront taghha.
- Wara regghet giet ordnata tidher quddiem bord mediku iehor, u l-ezami sar fl-1 ta’ Novembru 2006 fejn gie rakkomandat li l-attrici titwaqqaf mix-xoghol ghaliex hi persuna *“unfit for any employment in the public service”*.
- Permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Novembru 2006 giet infurmata li b’sehh mill-1 ta’ Novembru 2006 ma setghetx tahdem iktar fis-servizz pubbliku.
- Dan kollu sar b’abbuz ta’ poter u wara dan l-ezercizzju hemm makkinarju li hu ntiz biex l-attrici titkecca mill-impjieg. It-tkeccija kienet ultra vires u saret ghal motivi ulterjuri. Il-bord mediku ma wettaq l-ebda ezami fuqha u b’mod l-iktar flagranti kiser il-principju ta’ gustizzja naturali ta’ audi alteram partem meta lanqas biss ma giet konsidrata d-difiza taghha, li kienet tikkonsisti f’certifikati medici. Ezami mediku li dam biss ftit minuti u mehud in konsiderazzjoni li hi tajba ghax-xoghol.

Permezz tat-tieni (2) u raba’ (4) eccezzjoni taghhom (fol. 16) il-konvenuti eccepew:

1. Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza peress li l-kariga tieghu hi biss l-amministrazzjoni tal-Isptar. L-attrici qatt ma kienet impjegata tieghu u hu qatt ma talab li l-attrici tidher quddiem Bord Mediku u ghalhekk is-Supretendent Mediku ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan japplika wkoll ghall-intimati l-ohra stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn l-attrici.

2. In-nullita' tal-proceduri fil-konfront tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, l-eventwali Tabib Principali tal-Gvern in kwantu ma giex osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 qabel saret din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2007 minn fejn jirrizultali l-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari fuq it-tieni (2) u raba' (4) eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:-

1. Din is-sentenza hi wahda preliminari u titratta t-tieni u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

2. Ghal dak li jirrigwarda:-

(a) **<u>Is-Supretendent tal-Isptar Generali ta' Ghawdex</u>** – hu l-Kap ta' l-Isptar u xehed li t-talba sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta' Grace Sacco saret minn Saviour Attard, Nursing Manager. Fil-fatt giet prezentata kopja ta' formola *"Request for the Appointment of a Medical Board"* maghrufa bhala GP49 (fol. 44) iffirmata minn Saviour Attard ghan-nom tal-Kap. tad-Dipartiment fejn jinghad: *"It is requested that a Medical Board be convened to examine and report upon the health of the employee named below"*. Fir-rikors promotur l-attrici qeghda tilmenta li ma kienx hemm lok li hi tintbaghat sabiex tigi ezaminata minn bord mediku u wisq inqas li jigi tterminat l-impjieg taghha ghal ragunijiet ta' sahha. Tant hu hekk li ssostni li wara dan il-process kollu *"….hemm makkinarju ntiz biex ikecci lil esponenti minn l-impjieg taghha min mad-dipartiment"*. Hu fatt li sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' *prima facie* jekk il-persuna li giet imharrka kienetx materjalment involuta f'dak li minnu qeghda tilmenta l-attrici. Cjoe' jekk bl-agir tieghu holoq relazzjoni guridika li

minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mill-attrici. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li:-

1. It-talba sabiex jitwaqqaf bord mediku harget mill-Isptar Generali ta' Ghawdex[1];
2. Fl-avviz datat 24 ta' Lulju 2006 li ntbaghat lill-attrici biex tattendi ghall-ezami mediku sabiex jigi stabbilit l-istat tas-sahha ta' l-attrici (fol. 40) jinghad li t-talba saret mill-Gozo General Hospital.
3. Permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru 2006 (fol. 41) l-attrici giet infurmata minn Austin Masini ghan-nom tas-Supretendent li *"you have been medically boarded out from Government service with effect from 1st November 2006 by the Medical Board which was set up to examine your health"*.
4. Sahansitra min-naha tal-Isptar Generali ta' Ghawdex inharget *Notice of Cessation of Employment* (fol. 42) fejn jinghad li *"employment ceased because of other reasons Medically Boarded out"*.

Min-naha l-ohra hu minnu li "*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur-kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata"* (**Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001). Ghalhekk mehud in konsiderazzjoni ta' dawn ic-cirkostanzi, f'dan l-istadju l-Qorti ser tichad it-tieni eccezzjoni in kwantu din tirreferi ghall-konvenut Supretendent tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.

(b) **<u>Id-Direttur – Dipartiment ghas-Servizzi Korporattivi fid-Divizjoni tas-Sahha</u>**: il-Qorti qeghda tifhem li dan id-Dipartiment li jifforma parti mid-Divizjoni tas-Sahha jiehu hsieb jipprovdi ghajnuna amministrattiva lid-dipartimenti varji li jaqghu taht il-kappa tad-Divizjoni

[1] Ara wkoll xhieda ta' Dr. Anthony Livori (Supretendent fl-Isptar Generali ta' Ghawdex) moghtija fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2007 (fol. 27).

tas-Sahha u jiehu hsieb l-aspett tar-rizorsi umani u l-kontroll finanzjarju fl-istess Divizjoni. Dipartiment li nsibu fi hdan ta' dipartimenti ohra tal-Gvern. Pero' il-Qorti m'hijiex sodisfatta li mill-provi rrizulta li d-Direttur, Dipartiment ghas-Servizzi Korporattivi fid-Divizjoni tas-Sahha hu l-legittimu kontradittur in kwantu ma jirrizultax li kien hu li talab li jitwaqqaf bord mediku sabiex jezamina jekk is-sahha tal-attrici kienitx tippermettilha li tkompli fl-impjieg jew li ha d-decizjoni li jigi dikjarat li l-attrici giet boarded out mill-impjieg taghha minn mal-Gvern. Mill-ftit provi li tressqu l-Qorti qeghda tifhem li d-Dipartiment ghas-Servizzi Korporattivi fid-Divizjoni tas-Sahha ha hsieb biss li jipprocessa t-talba sabiex jitwaqqaf il-bord mediku sabiex tigi ezaminata l-attrici. Imbaghad permezz ta' l-ittra datata 6 ta' Novembru 2006 (fol. 43) baghat igharraf lil Customer Services Department l-opinjoni li kien esprima dan il-Bord.

3. Il-Qorti issa ser tghaddi biex tittratta r-raba' eccezzjoni li in vista ta' dak li diga' nghad hi rilevanti biss ghat-Tabib Principali tal-Gvern, in kwantu m'huwiex kontestat li l-protest gudizzjaru (fol. 19) li l-attrici pprezentat qabel il-kawza ma sarx fil-konfront tieghu u wisq inqas gie notifikat lilu. Skond il-konvenuti dan iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni. Min-naha l-ohra d-difensur tal-attrici argumenta li l-protest gudizzjarju sar kontra l-Prim'Ministru li hu l-kap tac-civil u allura ma kienx hemm bzonn li t-Tabib Principali tal-Gvern jigi nkluz f'dan l-att gudizzjarju. L-Artikolu 460 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"…….ebda procedimenti ma' jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car"*.

Permezz tad-Department of Health (Constitution) Ordinance (Kap. 94) kien twaqqaf id-Dipartiment tas-Sahha (Art. 3) li l-Kap tieghu hu t-Tabib Principali tal-Gvern (Art. 4). L-Ordinanza ssemmi wkoll dawk l-ufficcjali li jiffurmaw parti mid-Dipartiment tas-Sahha (Art. 5) u n-nurses huma nkluzi f'din il-kategorija. Il-Qorti trid tara jekk il-protest gudizzjarju in kwantu sar kontra l-Prim'Ministru jistax iservi ghal finijiet ta' l-Artikolu 460 fir-rigward tat-Tabib Principali tal-Gvern li ma ssemmix f'dan l-att gudizzjarju. Hu fatt indubitat li l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 hu min-natura tieghu odjuz in kwantu jista' jaghti lok ghal dikjarazzjoni ta' nullita' u jtellef persuna drittijiet meta wiehed iqies it-terminu ta' sitt (6) xhur impost ghall-istharrig ta' eghmil amministrattiv skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Madankollu bl-emenda li dahlet fis-sehh bl-Att VIII tal-1981 il-Gvern, il-korpi u l-persuni ndikati fl-artikolu *de quo* gew imqeghdin f'posizzjoni differenti u privileggjati minn intimati u jew konvenuti ohrajn li jkunu qeghdin jittiehdu kontrihom proceduri gudizzjarji. Mid-dicitura wzata mill-legislatur jirrizulta wkoll li l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata tal-ittra ufficjali jew il-protest gudizzjarju. L-iskop ta' dan il-provvediment hu sabiex jaghti lill-Gvern, il-korpi u l-persuni ndikati l-opportunita' li jiddefendu lilhom innfushom kif jixraq f'kaz li jittiehdu xi proceduri kontra taghhom. Il-Qorti qeghda tifhem li l-attrici harrket lit-Tabib Principali tal-Gvern (fir-rikors guramentat originali id-Direttur, Divizjoni tas-Sahha) bhala l-Kap tad-Dipartiment tas-Sahha. L-Artikolu 460 tal-Kap. 12 hu car in kwantu jipprovdi li ma jistghux jinbdew procedimenti kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' ufficjali taghha *"hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra ……….. **persuna kif intqal qabel**, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car"*. Mela, proceduri kontra persuna li tokkupa kariga pubblika fil-kwalita' ufficjali taghha trid tigi wkoll notifikata bl-ittra ufficjali jew protest gudizzjarju. Ghalhekk it-Tabib Principali tal-Gvern kellu qabel xejn jigi notifikat b'ittra ufficjali jew protest gudizzjarju u n-notifika tal-Prim'Ministru (li qabel l-emendi introdotti fl-1995 kellu r-rapprezentanza tal-Gvern fil-kollettivita' tieghu ghal dak li

jikkoncerna l-atti u azzjonijiet gudizzjarji[2]) m'hijiex bizzejjed biex tissodisfa l-vot tal-ligi. F'dan ir-rigward hemm nuqqas min-naha ta' l-attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari billi:-

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni limitatament fil-konfront tad-Direttur, Dipartiment ghas-Servizzi Korporattivi fid-Divizjoni tas-Sahha u tilliberah mill-gudizzju in kwantu m'huwiex il-legittimu kontradittur. Spejjez kontra l-attrici.

2. Tichad it-tieni eccezzjoni in kwantu din tirreferi ghas-Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex. Spejjez jibqghu a karigu ta' dan il-konvenut.

3. Tilqa' r-raba' eccezzjoni in kwantu din tolqot lit-Tabib Principali tal-Gvern. Spejjez a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Skond l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 f'atti u azzjonijiet gudizzjarji l-Gvern hu rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern. Dan il-provvediment jikkonferma li l-Prim'Ministru u l-Ministri m'ghadx ghandhom rapprezentanza tal-Gvern f'atti u azzjonijiet gudizzjarji.